MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-11 ta' Ġunju, 2025

Appell Inferjuri Numru 210/2022 LM

**Michael Debono Limited (C 10002)**
*('L-appellanta')*

***vs.***

**Alan Attard (K.I. Nru. 148679(M)) u Joseph Attard (K.I. Nru. 131051(M))**
*('L-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti **Michael Debono Limited (C 10002)** [minn issa 'l quddiem 'is-soċjetà appellanta'] minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'] tas-7 ta' Ottubru, 2024, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], fejn iddeċidiet it-talba

tagħha fil-konfront tal-intimati **Alan Attard (K.I. Nru. 148679(M))** u **Joseph Attard (K.I. Nru. 131051(M))** [minn issa ’l quddiem “l-appellati”], kif ġej:

> *“1. Tilqa’ l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti, u konsegwentement tiċħad it-talba attriċi fl-intier tagħha.*
>
> *2. Tiddikjara li t-talba tas-soċjetà attriċi kienet waħda fiergħa u vessattorja, u tikkundanna lis-soċjetà attriċi sabiex, għall-finijiet tal-paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tħallas, bħala spejjeż addizzjonali, is-somma ta’ elf Euro (€1,000) lir-Reġistratur tal-Qrati.*
>
> *29. L-ispejjeż kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proċeduri għandhom jiġu subiti mis-soċjetà attriċi.”*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw vettura tal-marka *Renault* li nbiegħet mis-soċjetà appellanta lill-appellati permezz ta’ ftehim ta’ *Hire Purchase* tal-21 ta’ Diċembru, 2020[1], imma li kienet tintuża minn Robert Attard, li huwa iben l-appellat Joseph Attard u ħu l-appellat l-ieħor Alan Attard. Ġara li Robert Attard li kien qiegħed jagħmel il-pagamenti mensili dovuti skont il-ftehim, f’xi żmien sab ruħu rinfaċċjat minn xi problemi finanzjarji, u għalhekk huwa kien informa lis-soċjetà appellanta li għal xi żmien huwa ma kienx ser ikun f’pożizzjoni li jkompli jħallas il-pagamenti dovuti. Huwa kien intalab sabiex jirritorna l-vettura lis-soċjetà appellanta sakemm jinqata’ parti mill-bilanċ, fejn intalab ukoll sabiex jiffirma l-*log book* tagħha, iżda meta huwa talab għall-konferma ta’ dan il-bilanċ huwa sab li kien hemm xi ammonti oħra li ġew debitati, u li huwa kien qiegħed jikkontesta. Wara xi żmien sar jaf ukoll li l-vettura nbiegħet mingħajr il-kunsens tiegħu.

[1] Ara kopja ‘Dok A’ *a fol.* 2 tal-atti tal-Ewwel Qorti.

**Mertu**

3. Is-soċjetà appellanta fit-23 ta' Settembru, 2022, ippreżentat rikors quddiem l-Ewwel Qorti, fejn ħarrket lill-appellati kif ġej:

> *"...biex twieġbu għat-talba ta' Michael Debono Limited (C10002) ta' Notabile Road, Żebbuġ u tgħidu 'il għaliex m'għandkom tkunu ikkundannati li tħallsu lill-esponenti is-somma ta' sitt elef, sitt mija u dsatax-il euro u erbgħa u erbgħin ċenteżmu (€6,619.44) rappreżentanti bilanċ ta' prezz tal-vettura Renault mibjugħa u kkonsenjata lilkom mis-soċjetà attriċi bis-saħħa tal-iskrittura ta'* Hire Purchase *datat 21 ta' Diċembru 2020, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarka bħala Dok 'A', liema bilanċ ta' prezz sar immedjatament dovut fl-intier tiegħu wara li s-soċjetà attriċi eżerċitat id-drittijiet tagħha fil-konfront tagħkom* ai termini *tal-Art 6.2 u 6.3 tal-imsemmija skrittura u dan billi intom ilkom moruż fuq il-ħlasijiet dwar l-imsemmija vettura, u dan skont ma jidher mill-i*statement *kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'B'"*

4. L-appellati wieġbu fit-18 ta' Novembru, 2022, billi eċċepew kif ġej:

> *"1. Illi l-pretensjonijiet tas-soċjetà attriċi huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk l-esponenti qegħdin jikkontestaw bis-sħiħ it-talbiet tal-istess soċjetà attriċi;*
>
> *2. Illi kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża odjerna, mhux talli l-esponenti m'għandhom xejn xi jħallsu lis-soċjetà attriċi, iżda talli sal-lum il-ġurnata, huma spiċċaw ħallsu ferm iktar minn dak li kien dovut minnhom;*
>
> *3. Illi f'dan ir-rigward, is-soċjetà attriċi tidher li qiegħda erronjament tinterpreta l-klawżoli 6.2 u 6.3 tal-iskrittura privata ġialadarba qiegħda tinsinwa li dawn il-klawżoli, apparti li jagħtuha id-dritt li terġa' tieħu lura l-pussess tal-vettura, tista' tfittex għall-bilanċ kollu li jkun rimanenti, daqs li kieku l-vettura qatt ma kienet reġgħet ittieħdet lura minnha.*
>
> *Din l-interpretazzjoni hija ċertament żbaljata meta wieħed sempliċiment jaqra t-tali klawżoli u d-disposizzjonijiet tal-iskrittura privata, kif ukoll, lanqas m'għandha xejn mir-raġuni.*
>
> *4. Illi għalhekk, is-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi flejjes mingħand l-esponenti li m'humiex dovuti lilha;*

*5. Illi ulterjorment jiġi eċċepit kif kienet is-soċjetà attriċi li ma mxietx mal-obbligi tagħha skont l-iskrittura privata bejn il-partijiet u l-arranġamenti ulterjuri bejniethom u li kienet hi li kkawżat preġudizzju lill-esponenti;*

*6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż."*

## Is-Sentenza Appellata

5. L-Ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata billi kkunsidrat is-segwenti:

***"Il-Fatti***

*5. Fil-verità ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar il-fatti saljenti li taw lok għal dawn il-proċeduri, li huma s-segwenti:*

*(i) B'kuntratt ta'* hire purchase *datat 21 ta' Diċembru 2024, il-konvenuti xtraw il-vettura Renault mingħand is-soċjetà attriċi, għal prezz ta' ħmistax-il elf, tmin mija u tlettax-il Euro (€15,813). (fn. 1: Ara Dok A a fol. 2 tal-atti proċesswali)*

*(ii) Skont l-istess kuntratt, dan il-prezz kellu jitħallas permezz ta' depożitu fl-ammont ta' elfejn u mitejn Euro (€2,200) u l-bilanċ ta' tnax-il elf tmin mija u tlettax-il Euro, inkluż l-interessi, u ċioe l-ammont ta' ħmistax-il elf erba' mija u tmienja u sebgħin Euro (€15,478) kellhom jitħallsu permezz ta' pagamenti mensili ta' mitejn u tmintax-il Euro (€218) fix-xahar, ħlief l-aħħar kambjala li kienet tammonta għal elfejn* [sic!] *u ħamsin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€250.32).*

*(iii) Għalkemm din il-vettura inxtrat mill-konvenuti, kien Robert Attard, it-tifel tal-konvenut Joseph Attard u ħu l-konvenut Alan Attard, li kien effettivament juża din il-vettura, u li kien iħallas il-pagamenti dovuti.*

*(iv) Robert Attard kellu problema finanzjarja temporanja għal diversi raġunijiet u ma kienx qed iħallas il-pagamenti dovuti skont il-kuntratt. Għaldaqstant f'Ottubru 2021, is-soċjetà attriċi ħadet lura l-pussess tal-vettura, bi ftehim konsenswali ma' Robert Attard. (fn. 2: Ara xhieda ta' Robert Attard a fol. 38 tal-proċess.)*

(v) *Mir-rendikont eżebit mis-soċjetà rikorrenti stess (fn. 3: Ara Dok B a fol. 6 tal-proċess) jirriżulta li sa Ottubru 2021, kien sar pagament wieħed biss ta' mitejn u għoxrin Euro (€220).*

(vi) *Wara li ħadet pussess tal-vettura, is-soċjetà attriċi inkarigat impjegat tagħha stess, u ċioe lil Brian Galea, sabiex jagħmel stima tal-vettura* tale quale*. Brian Galea stima din il-vettura fl-ammont ta' disat elef u ħames mitt Euro (€9,500).*

(vii) *Mir-rendikont eżebit mis-soċjetà attrici stess (fn. 4: Ara Dok B a fol. 6 tal-proċess) jirriżulta li fix-xahar ta' Novembru 2021 - u ċioe wara d-data li fiha s-soċjetà attriċi ħadet lura l-pussess tal-vettura - il-konvenuti għamlu tlett pagamenti fi ġranet differenti fis-segwenti ammonti: erba' mija u sittin Euro (€460.00), mija u tlieta u tmenin Euro (€183.00) u mitejn u sittax-il Euro (€216.00). Mill-istess rendikont jirriżulta wkoll li sussegwentement fis-6 ta' Mejju 2022, il-konvenuti għamlu tlett pagamenti oħra permezz ta' tlett ċekkijiet f'dawn l-ammonti: sebat elef, tlett mija u disa' u sittin Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€7,369.82), disa' mija u għoxrin Euro u tmintax-il ċenteżmu (€920.18) u elf erba' mija u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€1,425.00). Għaldaqstant wara li s-soċjetà attriċi ħadet lura l-vettura, il-konvenuti għamlu pagamenti fl-ammont globali ta' għaxart elef ħames mija u erba' u sebgħin Euro (€10,574.00).*

(viii) *Is-soċjetà attriċi naqset il-valur* tale quale *tal-vettura kif stmat minn Brian Galea - u ċioe l-ammont ta' €9,500 - mill-bilanċ totali tal-ammont li ma tħallasx mill-konvenuti, u fl-avviż promotur s-soċjetà attriċi irriteniet li l-konvenuti għandhom iħallsuha l-ammont ta' €6,619.44.*

(ix) *Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, irriżulta li Robert Attard kien ħallas ammont ieħor ta' mija u tletin Euro (€130) fis-7 ta' Settembru 2022, u ċioe wara li kien ħareġ ir-rendikont fl-4 t'Awwissu 2022 eżebit in atti. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà attriċi issottomettiet b'lealtà li dan l-ammont ta' €130 għandu jiġi debitament imnaqqas mill-bilanċ mitlub fl-avviż promotur, u għalhekk l-ammont li kienet qed titlob ġie ridott għal €6,489.44.*

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

6. *Fir-rikors promotur, is-soċjetà attriċi irriteniet li hija kienet qed teżerċita d-drittijiet tagħha fil-konfront tal-konvenuti* ai termini *tal-klawsoli 6.2 u 6.3 tal-kuntratt ta'* hire purchase.

7. *Klawsola 6.2 tal-kuntratt tistipula hekk:*

"In the event that the Customer fails to pay any installment or an amount equivalent thereto or is otherwise in breach of his obligations hereunder and fails to remedy such default or breach within five working days from the date of receipt of a letter from the Company, the Company shall be entitled, by a simple notice in writing and without the necessity of any legal proceedings, to terminate this agreement. Such right shall be without prejudice to the Company's right to claim payment of installments which shall become due and remained unpaid.

In the event that the Company avails itself of the said right:

a) the Customer shall be obliged to re-deliver the Vehicle to the Company and to sign any documents and to do all that may be necessary to transfer back the Vehicle to the Company.
b) The Customer shall forfeit all amounts he may have paid on account of the Price."

8. *Klawsolu 6.3 tkompli tgħid hekk:*

"In the event referred to in Article 6.2, the Company shall be entitled, in its discretion, instead of terminating the Agreement, to terminate the Customer's credit facilities and institute proceedings for the payment of the Installment Balance and the Final Installment still remaining outstanding together with any interest which may have accrued thereon and this notwithstanding the existence of the bills of exchange abovementioned. Should the Company decide to chose this latter option, all stipulations contained in this Agreement for the Company's protection shall remain in force and be applicable until this Customer has actually effected full payment of all outstanding amounts."

9. *Is-soċjetà attriċi qed tissottometti li għalkemm hija ħadet pussess tal-karozza taħt il-klawsola 6.2, hija xorta għandha dritt li tfittex għall-ammont bilanċjali dovut mill-konvenuti, wara li ġie imnaqqas il-valur tal-karozza* tale quale *stabbilit mil-impjegat tagħha Brian Galea.*

10. *Fit-tielet u ir-raba'eċċezzjoni fir-risposta tagħhom, il-konvenuti laqgħu għal din il-pretensjoni, u issottomettew li din l-interpretazzjoni hija ċertament żbaljata anke minn qari sempliċi tal-klawsoli in kwistjoni, kif ukoll lanqas għandha xejn mir-raġuni.*

11. *F'dan ir-rigward, il-Qorti ftit għandha xi tgħid, għax fl-opinjoni tagħha l-interpretazzjoni ta' dawn iż-żewġ klawsoli hija ċara: permezz ta' dawn iż-żewġ*

*klawsoli is-soċjetà attriċi ingħatat għażla ta' x'azzjoni għandha tieħu meta jkun hemm marożità fil-pagament: jew tittermina l-kuntratt u tieħu lura l-vettura, jew titlob il-ħlas tal-bilanċ rimanenti mingħand il-konvenuti – però ċertament ma tistax teżerċita ż-żewġ drittijiet flimkien.*

12. *Fil-fatt Klawsola 6.3 tgħid li f'każ ta' morożità fil-pagament "*the Company shall be entitled, in its discretion, <u>instead of terminating the Agreement</u>, to terminate the Customer's credit facilities and institute proceedings for the payment ... ...*" (fn. 5: Sottolinear ta' din il-Qorti) Il-kliem "*instead of terminating the Agreement" *juri bla ebda ombra ta' dubbju, li s-socjetà attriċi tista' biss tfittex għall-ammonti lilha dovuti, bħala rimedju alternattiv minflok dak li tittermina l-ftehim* ai termini *tal-Klawsola 6.2 u tieħu lura l-vettura.*

13. *In oltre Klawsola 6.2 tgħid espressament li jekk is-soċjetà attriċi teżerċita d-dritt tagħha li tieħu lura l-vettura, "*the Customer shall forfeit all amounts he may have paid on account of the price" però ma tgħidx li "the Customer*" – u ċioe il-konvenuti – huma obbligati wkoll li jħallsu l-bilanċ tal-ammonti li jkunu għadhom dovuti.*

14. *Il-Qorti tirrileva wkoll li l-ebda disposizzjoni tal-kuntratt tal-*hire purchase *in kwistjoni ma jikkontempla l-proċess ta' komputazzjoni tal-ammont dovut kif magħmul mis-soċjetà attriċi fil-każ odjern, u ċioé li mill-ammont bilanċjali dovut għandu jitnaqqas ammont rappreżentanti l-valur* tale quale *tal-vettura meta jittieħed pussess tagħha mis-soċjetà attriċi kif jiġi stmat minn impjegat tal-istess soċjetà attriċi. Kieku verament kien jeżisti dan id-dritt tas-soċjetà attriċi li titlob l-ammont bilanċjali meta jittieħed pussess tal-vettura, il-Qorti kienet tippretendi li l-mod ta' kif għandu jiġi kalkulat il-bilanċ dovut, kien ukoll jiġi preskritt fil-kuntratt tal-*hire purchase*. Dan ma sarx.*

15. *Din l-interpretazzjoni ta' dawn iż-żewġ klawsoli mogħtija mill-Qorti, u mill-konvenuti, hija wkoll konformi ma' dak li jippreskrivi l-Artikolu 1069(1) tal-Kodiċi Ċivili u ċioe:*

> "(1) Meta l-kondizzjoni riżoluttiva, sew dik magħmula espressament kemm dik li titqies bħala magħmula, tkun għall-każ li fih waħda mill-partijiet tonqos għall-obbligazzjoni tagħha, il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx ġiet esegwita, tista' tagħżel, jekk il-kondizzjoni sseħħ, jew li titlob il-ħall tal-kuntratt, jew li ġġiegħel lill-parti l-oħra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibli."

16. *Din il-Qorti kien ikollha problema ma' kull klawsola li tmur kontra din id-dispożizzjoni espressa tal-Kodiċi Ċivili.*

17. *Huwa vera li l-Artikolu 1069(2) tal-Kodiċi Ċivili jkompli jgħid hekk:*

(2) Fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-konvenut jista' jiġi kkundannat għall-ħlas tad-danni."

18. *Dan l-Artikolu 1069(2) isib ir-rifless tiegħu fil-Klawsola 6.5 tal-*hire purchase agreement *li tippreskrivi hekk:*

"The Customer binds himself to refund to the Company any professional, legal and other expenses incurred by the latter as a result of any actions taken by the Company, to compel the Customer to regularize his account. The Customer also accepts that settlement of these expenses will take priority over the payment of outstanding installments."

19. *Konxja li hemm problema bl-interpretazzjoni tagħha tal-Klawsoli 6.2 u 6.3, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha is-soċjetà attriċi,* in extremis*, tagħmel riferenza għal din il-Klawsola 6.5 tal-kuntratt. Is-soċjetà attriċi setgħet tagħmel dan fil-proċeduri quddiem din il-Qorti, stante li din il-Qorti m'hix strettament marbuta mal-każwali. (fn. 6: Ara Artikolu 213 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u s-sentenza fl-ismijiet* ***Malta Tourism Authority vs Victor Refalo****, deċiża fit-13 ta' Settembru 2007 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) (per Imħallef Philip Sciberras)*

20. *Però lanqas hawn ma jirriżulta li s-soċjetà attriċi għandha raġun. Fl-ewwel lok, is-soċjetà attriċi ma ressqet l-ebda prova biex turi x'danni hija sofriet minħabba l-morożità tal-pagamenti u sabiex tirriprendi lura l-vettura. L-unika prova li ressqet hija r-rendikont tal-ammonti dovuti mill-konvenuti, u liema ammonti tħallsu minnhom, u xejn iżjed. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha hija tgħid hekk:* "16. In oltre apparti l-prezz tal-vettura kien hemm re-possession fee (€1,425.00) u licence arrears (€920.18) li s-soċjetà rikorrenti ġarrbet meta ħadet lura l-vettura in kwistjoni, u s-soċjetà rikorrenti kellha d-dritt li tfittex għal dawn l-ammonti ukoll in vista ta' klawzola 6.5 tal-istess kuntratt." *Din il-Qorti hija pjuttost perplessa b'din is-sottomissjoni. Fl-ewwel lok kif diġà ingħad is-soċjetà attriċi ma ressqet l-ebda prova minn fejn jirriżulta l-ħlas minnha ta' dawn l-ammonti, jew il-prova tad-danni li sofriet minħabba l-morożità fil-pagament, u li issa qed tippretendi r-rifużjoni tagħhom mingħand il-konvenuti. Fit-tieni lok, mir-rendikont eżebit mis-soċjetà attriċi stess jirriżulta mhux biss li hija akkollat ir-*re-possession fee *u l-*licence arrears *fl-ammonti fuq indikati bħala djun dovuti mill-konvenuti, iżda wkoll li l-flus mogħtija lilha bħala ħlas akkont tal-kambjali, ġew addiruttura allokati minnha bħala pagament ta' dawn iż-żewġ ammonti, (fn. 7: Ara fol. B a fol. 6 tal-proċess.) u jidher li l-flus allokati għal dan il-pagament ittieħdu minn ammont ikbar ta' flus imħallas permezz ta' ċekkijiet fis-6 ta' Mejju*

*2022. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, is-soċjetà attriċi tati x'tifhem li hi ma tħallsitx għal dawn l-ammonti, meta fil-fatt tħallset. Dan il-komportament tas-soċjetà attriċi jirrażenta l-*mala fede*, u l-Qorti m'hu ser tgħid xejn iżjed.*

21. *Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti jistħoqq li jiġu milqugħa, u t-talba tas-soċjetà attriċi ser tiġi miċħuda.*

22. *Il-Qorti tista' teknikament tieqaf hawn, però fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, tħossha fid-dover li tikkunsidra wkoll iż-żewġ eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti.*

23. *Fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti jgħidu li mhux biss m'għandhom jagħtu xejn lis-soċjetà attriċi, iżda huma spiċċaw ħallsu ferm iktar minn dak li kien dovut minnhom. Din l-eċċezzjoni tirriżulta fondata. Kif diġà ingħad, wara li s-soċjetà ħadet lura pussess tal-vettura, huma ħallsu l-ammont ta' €10,574.00 u ammont ieħor ta' €130.00 li irriżulta fil-mori ta' dawn il-proċeduri.*

24. *Mix-xhieda mhux kontestata ta' Robert Attard (fn 8: Ara fol. 38 tal-proċess), hu kien kontinwament f'kuntatt ma' rappreżentant tas-soċjetà attriċi u fehmu għalfejn waqa' lura fil-pagamenti. Meta kien f'pożizzjoni finanzjarja li jerġa' jibda jagħmel il-pagamenti, dan ir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta qallu li l-vettura kienet ser tittieħed mill-pussess tiegħu bħala prekawzjoni, u li ladarba jerġa' jibda jagħmel il-pagamenti, seta' jerġa' jeħodha lura fi żmien ġimgħatejn. Sussegwentement ġie infurmat li biex jieħu l-vettura lura kellu jħallas elfejn Euro (€2,000) bħala* re-possession fee *u kien se jitwaħħal* data-tracker *fil-vettura tiegħu, u hu irrifjuta l-impożizzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet ulterjuri, li ma kienux imniżżla fil-kuntratt ta'* hire purchase*. Minkejja li ġie mwiegħed li ser tinżamm laqgħa ma' rappreżentant tas-soċjetà attriċi biex jiġu diskussi dawn il-kundizzjonijiet ulterjuri, din il-laqgħa qatt ma saret, u eventwalment ġie infurmat li l-vettura inbiegħet.*

25. *Għalkemm minn dan l-ammont ta' għaxart elef, seba' mija u erba' Euro (€10,704) (€10,574 + €130) irid jitnaqqas xi ammont relattivament żgħir rappreżentanti xi imgħax minħabba morożità fil-pagament sad-data li fiha s-soċjetà attriċi ħadet lura l-vettura, kif ukoll l-ispejjeż inkorsi mis-soċjetà attriċi biex tieħu lura l-vettura, jibqa' l-fatt li l-konvenuti ħallsu ammont sostanzjali indebitament. Però, billi l-konvenuti ma għamlu l-ebda kontro-talba f'dawn il-proċeduri, il-Qorti ma tistax tikkundanna lis-soċjetà attriċi tirrifondilhom l-flus minnhom imħallsa indebitament.*

26. *Il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens li s-soċjetà attriċi ma mxietx mal-obbligi tagħha skont l-iskrittura privata bejn il-partijiet u l-arranġamenti ulterjuri*

*ta' bejniethom. Din l-eċċezzjoni ukoll tirriżulta fondata stante li mill-atti ma tirriżulta l-ebda prova li qabel ħadet lura l-vettura, is-soċjetà attriċi bagħtet xi ittra lill-konvenuti sabiex tinfurmahom li huma kienu morużi fil-pagament u lanqas bagħtitilhom xi ittra bil-miktub biex tinfurmahom li kienet qed titterminha l-ftehim, kif kienet obbligata li tagħmel* ai termini *tal-Klawsola 6.2 tal-ftehim tal-*hire purchase *fuq ċitata. Però, ladarba il-konvenuti ma għamlu l-ebda kontro-talba, il-Qorti ma tista' tagħti l-ebda rimedju għal dan il-ksur tal-kuntratt.*

*27. Il-Qorti ħa tagħlaq billi tosserva li l-aġir tas-soċjetà attriċi fil-każ odjern huwa ferm deplorevoli. Kummerċjant għandu jimxi bil-fier, u mhux jaħleb sitwazzjoni a skapitu tax-xerrej. Hija kienet diġà marret tajjeb ħafna bil-pagamenti żejda li kienu saru wara li ħadet pussess tal-vettura. Iżda jidher li ma kinitx kuntenta, u nqdiet b'dawn il-proċeduri biex tkidd u iddejjaq bla bżonn lill-konvenuti. Għaldaqstant hemm lok għall-applikazzjoni tas-sanzjoni kif misjuba f'paragrafu 10 ta' Tariffa A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."*

## **<u>L-Appell</u>**

6. Is-soċjetà appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha fil-5 ta' Novembru, 2024, fejn qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

*"... takkolji dan l-umli appell billi tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-7 ta' Ottubru 2024 fit-talba numru 210/2022MF fl-ismijiet Michael Debono Limited vs Alan Attard et, u minflok taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet attriċi u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-istess intimati, illum appellati."*

Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħmel apprezzament tajjeb tal-fatti u tal-provi, u anki għamlet interpretazzjoni ħażina tal-klawsoli tal-ftehim bejn il-partijiet.

7. L-appellati wieġbu fil-25 ta' Frar, 2025, fejn issottomettew li l-aggravju tas-soċjetà appellanta huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt, u għandu jiġi miċħud minn din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju uniku tas-soċjetà appellanta, u dan fid-dawl ta' dak li kkonstatat u ddeċidiet l-Ewwel Qorti, u s-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellati fit-tweġiba tagħhom.

9. Is-soċjetà appellanta tgħid fl-aggravju tagħha li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u tal-provi li kellha quddiemha, u waslet ukoll sabiex għamlet interpretazzjoni skorretta tal-klawsoli tal-ftehim bejn il-partijiet. Wara li tispjega l-import tal-ftehim li kien sar bejniethom fir-rigward tal-bejgħ tal-vettura in kwistjoni, tgħid li kien ġie ppruvat quddiem l-Ewwel Qorti li l-appellati kienu waqfu jħallsu l-pagamenti dovuta skont l-imsemmi ftehim, u dan mingħajr l-ebda raġuni valida fil-liġi. Is-soċjetà appellanta tgħid li flimkien mal-avviż promotur tagħha, hija kienet ippreżentat id-'Dok. B', li jispjega kif kellhom isiru l-wieħed u sebgħin (71) pagament ta' mitejn u tmintax-il Euro (€218) kull wieħed, u l-aħħar pagament ta' mitejn u ħamsin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€250.32). Tissottometti li dan id-dokument ma kienx ġie kkontestat mill-appellati għajr għar-*re-possession fee,* u l-fatt li kien tħallas l-ammont ta' mija u tletin Euro (€130) li ma kienx ġie ndikat f'dak id-dokument. Is-soċjetà appellanta tirrileva li l-imsemmija appellati fl-ebda ħin ma ppreżentaw xi rċevuta sabiex juru li l-allegati pagamenti kienu saru, u fl-affidavit tiegħu Robert Attard jgħid li l-pagament ta' mija u tletin Euro (€130) ma kienx jirriżulta fir-rendikont 'Dok. B', iżda ma jsemmiex li kien hemm xi pagamenti oħra neqsin. Hija tagħmel riferiment għall-kontro-eżami tiegħu fejn wera li huwa kien jaf bil-ftehim fejn hija kienet ser tieħu lura l-vettura. Tissottometti li l-Ewwel Qorti kienet għarfet li dan kien ser isir *"bi ftehim kunsenswali"* bejn il-partijiet, iżda s-soċjetà appellanta tgħid li hija tinsab

ferm perplessa dwar il-fatt li din ikkunsidrat li l-arranġament bejn il-partijiet kien regolat mill-klawsola 6.2 tal-ftehim ta' bejniethom, filwaqt li warrbet għal kollox l-applikazzjoni tal-klawsola 6.3 tiegħu. Is-soċjetà appellanta ċċitat dawn iż-żewġ klawsoli, u tinsisti li l-klawsola 6.3 torbot mal-klawsola 6.2. Tgħid li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkunsidrat li qatt ma ntbagħtet xi ittra lill-appellati sabiex tikkomunika l-intenzjoni tagħha li tittermina l-ftehim ta' bejniethom, u fid-dawl ta' dan il-fatt, il-proċeduri odjerni saru skont il-klawsola 6.3 tal-istess ftehim, iżda b'riferiment għall-avveniment indikat fil-klawsola 6.2, u fejn hija kienet waqqfet il-faċilità ta' kreditu u setgħet tfittex għall-bilanċ rimanenti. Tgħid li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta kkunsidrat li l-ftehim sabiex tittieħed lura l-vettura mingħand l-appellati kien sar skont il-klawsola 6.2. Tissottometti li t-teħid lura tal-vettura kien sar bi skop li jingħata żmien li fih Robert Attard seta' jħallas il-pagamenti li kien naqas li jagħmel, imma ċertament ma kienx il-pussess tal-vettura furzata kkontemplat taħt il-klawsola 6.2 fejn saħansitra il-kuntratt qatt ma ġie tterminat. Is-soċjetà appellanta tirrileva li Robert Attard kien fil-fatt mar ikkonferma magħha l-bilanċ, bl-iskop li jerġa' jieħu lura l-vettura, u hawnhekk huwa kien ġie nfurmat li kien hemm l-arretrati tal-liċenzja u anki r-*re-possession fee* li kienu dovuta qabel din ma tgħaddi lura għand l-appellati. Hija tagħmel riferiment għall-klawsola 6.5 tal-ftehim, filwaqt li tikkontendi li hija kellha kull dritt li tirkupra l-ispejjeż li għamlet meta ħadet lura l-vettura. Madankollu Robert Attard kien irrifjuta li jħallashom, u anki kien irrifjuta li jħallas il-pagamenti l-oħra sabiex jissalda l-bilanċ dovut. Tgħid li għalhekk ġaladarba huwa jew l-appellati ma kellhomx interess li jagħmlu dan il-ħlas u jieħdu lura l-vettura, hija ma kellha l-ebda għażla għajr li tagħmel stima *tale quale* tal-valur tal-vettura, u tnaqqas dak l-ammont mill-bilanċ dovut. Hija tirrileva li l-istima saret minn impjegat tagħha

stess, ċertu Brian Galea, li għamel kalkolu tal-valur tal-vettura ta' disat elef u ħames mitt Euro (€9,500), kif jirriżulta mill-affidavit tiegħu ppreżentat bħala 'Dok. BG', u dan il-valur tnaqqas mill-bilanċ rimanenti dovut. Is-soċjetà appellanta tgħid li madankollu l-Ewwel Qorti dan ma fehmitux, u saħansitra kkunsidrat li l-appellati għamlu ħlas indebitu. Hija tispjega l-pagamenti kollha li kienu saru minn Robert Attard flimkien kienu jagħmlu elf mitejn u disgħa Euro (€1,209), iżda mhux għaxart elef ħames mija erbgħa u sebgħin Euro (€10,574) kif skorrettement ikkunsidrat l-Ewwel Qorti. Is-soċjetà appellanta tinsisti li s-sentenza appellanta hija waħda perikoluża għaliex skont l-Ewwel Qorti, wieħed jista' jixtri vettura ġdida permezz ta' ftehim ta' *hire purchase,* u meta jidhirlu jieqaf iħallas il-pagamenti dovuta u jirritornaha lura, imma jippretendi li għaliex ikun irritorna il-vettura fl-istat li tkun fiha, kull bilanċ rimanenti ma jibqax dovut. Is-soċjetà appellanta ssostni li hekk kif il-vettura toħroġ fuq it-triq, il-valur tagħha jsofri deprezzament qawwi, u wara li jsir użu tagħha għal għaxar xhur sħaħ, il-valur jiddependi wkoll fuq l-istat tagħha. Is-soċjetà appellanta tgħid li għalhekk is-sentenza appellata kienet tistrieħ fuq konsiderazzjonijiet żbaljati ta' fatti, u interpretazzjoni skorretta tal-ftehim li kien sar bejn il-partijiet.

10. L-appellati qabel xejn jispjegaw kif huma daħlu fi ftehim *hire purchase* mas-soċjetà appellanta fir-rigward tal-vettura in kwistjoni, u eventwalment meta temporanjament il-pagamenti ma baqgħux isiru minħabba l-problemi finanzjarji li kien għaddej minnhom Robert Attard, il-vettura rritornawha lura lis-soċjetà appellanta fuq talba tagħha stess. Għal dak li jirrigwarda l-mertu, l-appellati fl-ewwel lok jagħmlu riferiment u jiċċitaw il-klawsoli 6.2 u 6.3 tal-ftehim li sar bejn il-partijiet, filwaqt li jissottomettu li minn hawnhekk jirriżulta li s-soċjetà appellanta kellha żewġ rimedji separati fl-eventwalità li x-xerrej jiddekadi mill-

obbligu tal-ħlas. L-appellati jissottomettu li dawn ir-rimedji huma alternattivi għal xulxin, u jiċċitaw dak li qalet il-Qorti fil-paragrafi ħdax sa tlettax tas-sentenza appellata, fejn ikkunsidrat l-import tal-klawsoli msemmija. L-appellati jgħidu li kuntrarjament għal dak li qiegħda tinsisti fuqu s-soċjetà appellanta, l-Ewwel Qorti fehmet sew l-aspett legali tal-vertenza, u għalhekk id-deċiżjoni tagħha kienet tistrieħ fuq interpretazzjoni tajba tal-klawsoli msemmija. L-appellati jgħidu li l-provi kollha jikkontradixxu l-argument li qiegħda tressaq is-soċjetà appellanta, li t-teħid lura tal-vettura kien sar skont ftehim bejn il-partijiet. In sostenn ta' dan, l-appellati jagħmlu riferiment għax-xhieda ta' Robert Attard waqt il-kontro-eżami tiegħu fil-31 ta' Jannar, 2024, u jirrilevaw li s-soċjetà appellanta kienet biegħet il-vettura lil terzi qabel ma fetħet il-proċeduri odjerni, u dan kien ixejjen l-argument tagħha u jikxef il-*mala fede* tagħha. L-appellati jsostnu li ladarba s-soċjetà appellanta għażlet li timxi skont il-klawsola 6.2, hija ma setgħetx tagħżel ukoll li timxi skont il-klawsola 6.3, u li kieku għas-saħħa tal-argument l-interpretazzjoni tal-kuntratt mis-soċjetà appellanta kellha titqies li kienet korretta, huwa ċar li din tmur kontra id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 1069(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-appellati jgħidu li l-Ewwel Qorti korrettement ħadet dawn id-dispożizzjonijiet in konsiderazzjoni, u jiddikjaraw li huma jaqblu mal-pożizzjoni li ħadet dik il-Qorti, fejn osservat li mkien fil-ftehim ma kien hemm patwit li s-soċjetà appellanta kellha d-dritt li mill-bilanċ tnaqqas il-valur *tale quale* tal-vettura hekk kif din tiġi fil-pussess tagħha, u dan fejn l-istima ssir minn impjegat tagħha stess. L-appellati jikkontendu li l-fatt li s-soċjetà appellanta naqqset dak il-valur mill-ammont li hija kienet qiegħda tippretendi li huwa dovut lilha, juri li hija kienet ikkunsidrat li l-ftehim kien spiċċa. L-appellati jinsistu li ġaladarba hija kienet għażlet li timxi skont il-klawsola 6.2 li kienet alternattiva għall-klawsola 6.3, it-talbiet tagħha

m'għandhomx jintlaqgħu. Jgħidu li barra minn hekk is-soċjetà appellanta naqset li tiġġustifika l-ammont pretiż minnha, u għalhekk huma ma jistgħux jiġu kkundannati jħallsu l-imsemmi ammont.

11. Il-Qorti tgħid li s-sentenza appellata hija tajba, u hija taqbel mar-raġunament tal-ewwel Qorti. Tikkunsidra li wara li l-Ewwel Qorti tat rendikont tal-fatti, fejn irrikonoxxiet li ma kienx hemm kontestazzjoni dwarhom, irrilevat li fir-rikors promotur tagħha s-soċjetà appellanta kienet qiegħda tgħid li l-azzjoni tagħha kienet tistrieħ fuq il-klawsoli 6.2 u 6.3 tal-ftehim ta' *hire purchase* li kien sar bejn il-partijiet. Din il-Qorti tagħraf li hawnhekk is-soċjetà appellanta qiegħda tinsisti li dawn iż-żewġ klawsoli huma marbutin flimkien. L-Ewwel Qorti ħadet konjizzjoni ta' dawn il-klawsoli billi ċċitat dak li jipprovdu, u għarfet li s-soċjetà appellanta kienet qiegħda ssostni li għalkemm hija ħadet pussess tal-vettura taħt il-klawsola 6.2, hija xorta waħda kellha dritt li tfittex għall-ammont bilanċjali dovut wara li jitnaqqas il-valur *tale quale* tal-vettura, kif stabbilit mill-impjegat tagħha Brian Galea. L-Ewwel Qorti hawnhekk ikkunsidrat it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-appellati, u mill-ewwel irriteniet li ftit kellha xi tgħid, ġaladarba l-iskop taż-żewġ klawsoli kien wieħed ċar. L-Ewwel Qorti għalhekk korrettement għarfet li s-soċjetà appellanta permezz tal-imsemmija klawsoli kellha għażla kif kellha tipproċedi f'każ ta' morożità, b'dana li hija kellha tiddeċiedi bejn li tittermina l-ftehim u tieħu lura l-vettura, jew li titlob għall-ħlas tal-bilanċ, iżda mhux li teżerċita dawn iż-żewġ drittijiet flimkien.

12. L-Ewwel Qorti għarfet li taħt il-klawsola 6.3 li tikkontempla morożità fil-pagament, kien ċar li s-soċjetà appellanta hawnhekk kellha dritt li minflok li tittermina l-ftehim taħt il-klawsola 6.2, fejn setgħet tieħu lura l-vettura, u minflok

tfittex għall-ammonti dovuti. L-Ewwel Qorti osservat li taħt il-klawsola 6.2, fejn is-soċjetà appellanta tagħżel li tieħu lura l-vettura, kien hemm miktub li *"the Customer shall forfeit all amounts he may have paid on account of the price",* iżda mhux ukoll il-bilanċ ta' dawk l-ammonti li jkunu għadhom pendenti. Il-Qorti tgħid li hija tikkondividi r-raġunament tal-Ewwel Qorti fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' dawn iż-żewġ klawsoli, li wara kollox ma jħallu l-ebda dubju dwar dak li ġie miftiehem bejn il-partijiet. Tqis li hija s-soċjetà appellanta li qiegħda tinsisti fuq interpretazzjoni oħra sabiex b'hekk tiġġustifika l-passi kollha li ħadet fil-konfront tal-klijent tagħha, anki dawk legali, a skapitu finanzjarju kbir għalih. Tikkunsidra wkoll l-argument li qiegħda tagħmel f'dan l-istadju tal-appell, li t-teħid tal-vettura kien wieħed marbut mas-sospensjoni tal-ftehim, u l-Qorti tgħid li huwa prinċipju ferm stabbilit fil-ġurisprudenza ta' dawn il-qrati, li m'għandhomx jitressqu argumenti ġodda quddiem qorti ta' reviżjoni, għaliex b'hekk il-partijiet jitilfu d-dritt tagħhom tal-eżami doppju tal-kwistjoni. Iżda ma tistax toqgħod lura milli tosserva li l-iffirmar tal-*log-book,* u l-bejgħ eventwali tal-vettura, jikkontradixxu għal kollox l-argument tas-soċjetà appellanta. Ma jistax ikun hemm sospensjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim, fejn is-soċjetà appellanta unilateralment qabdet u biegħet il-vettura in kwistjoni, u b'hekk ġabet il-ftehim fix-xejn.

13. Għal dak li jirrigwarda l-imsemmija klawsola 6.2, il-Qorti tirrileva li huwa stipulat li d-dritt tas-soċjetà appellanta li tittermina l-ftehim huwa *"...without prejudice to the Company's right to claim payment of installments which shall become due and remained unpaid",* u huwa ċar li d-dritt tagħha li tipproċedi għall-ħlas huwa limitat għal dawk l-ammonti dovuti, u mhux ukoll għal dawk l-ammonti li għad ikunu dovuti wara t-terminazzjoni tal-ftehim. Għalhekk l-Ewwel Qorti bl-

ebda mod ma jista' jingħad li għamlet interpretazzjoni ħażina tal-klawsoli tal-ftehim bejn il-partijiet, u għall-kuntrarju hija fehmet tajjeb l-obbligi u d-drittijiet tal-partijiet ta' dak il-ftehim.

14. L-Ewwel Qorti tajjeb osservat ukoll li mkien fil-ftehim ma kien hemm patwit il-mod kif is-soċjetà appellanta għażlet li tikkomputa l-ammont allegatament dovut lilha, jiġifieri billi jitnaqqas il-valur *tale quale* tal-vettura meta din tiġi fil-pussess tagħha hekk kif stmat minn impjegat tagħha. Il-Qorti tgħid li għalhekk l-appellati kellhom kull dritt li jikkontestaw il-bilanċ li ġie kkomunikat lil Robert Attard meta huwa kien talab għalih.

15. L-Ewwel Qorti rrilevat li l-interpretazzjoni li hija kienet qiegħda tagħti lil dawn iż-żewġ klawsoli kif mifhuma mill-appellati stess, kienet tirrifletti d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 1069(1) tal-Kodiċi Ċivili. Għarfet li s-subartikolu 1069(2) tal-istess liġi, kien ukoll jikkontempla l-ħlas tad-danni, u dan kien isib postu fil-ftehim bejn il-partijiet permezz tal-klawsola 6.5. L-Ewwel Qorti sewwa osservat, kif għamlet ukoll din il-Qorti, li s-soċjetà appellanta kienet taf bil-problema dwar l-interpretazzjoni tagħha tal-klawsoli 6.2 u 6.3, u qalet li kien għalhekk li din fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha għamlet riferiment għall-klawsola 6.5 ukoll. Filwaqt li rrilevat li hija ma kinitx marbuta mal-kawżali, u għalhekk kienet ser tikkunsidra l-kwistjoni mressqa mis-soċjetà appellanta, korrettement sabet li din ma kellhiex raġun għaliex hija ma kienet ressqet l-ebda prova ta' dawk id-danni allegatament sofferti riżultat tal-pagamenti tardivi u riżultat tat-teħid lura tal-vettura. L-Ewwel Qorti sewwa rrilevat li l-unika prova li din kienet ressqet kienet tikkonsisti f'rendikont ta' dak li kien dovut mingħand l-appellati u tal-pagamenti li kienu saru. Qalet li kien jirriżulta wkoll mill-istess

rendikont, li hija mhux biss allokat ir-*re-possession fee* u *licence arrears* bħala djun dovuti mill-appellati, iżda tnaqqsu wkoll mill-pagament akkont li kien sar permezz ta' ċekkijiet fis-6 ta' Mejju, 2022. Għalhekk hija kienet fil-fatt tħallset għall-ammonti rispettivi meta kienet qiegħda tinsisti l-kuntrarju, u li kien jindika l-*mala fede* min-naħa tagħha. B'hekk l-Ewwel Qorti ġustament laqgħet it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti, u ċaħdet it-talba tas-soċjetà appellanta, filwaqt li esprimiet il-fehma tagħha li l-aġir tas-soċjetà appellanta kien wieħed għal kollox inaċċettabbli, fejn qalet li din saħansitra għamlet użu mill-proċeduri odjerni sabiex tkompli ddejjaq lill-appellati, u għalhekk applikat is-sanzjoni taħt il-paragrafu 10 ta' Tariffa A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

16. Il-Qorti tgħid li għal dawn ir-raġunijiet kollha li tat l-Ewwel Qorti, u anki għar-raġunijiet li tat hija stess aktar 'il fuq, hija tikkunsidra li s-sentenza appellata hija tajba u ma ssib xejn fiha li għandu jiġi ċċensurat. Tagħraf li ġaladarba ma tirriżultax fondata l-pretensjoni għall-ħlas fil-konfront tal-appellati, hija m'għandhiex tikkunsidra s-sottomissjonijiet ulterjuri magħmulin mis-soċjetà appellanta dwar il-komputazzjoni ta' dak kollu li allegatament huwa dovut mingħand l-appellati.

17. Għaldaqstant ma ssibx li l-aggravju tas-soċjetà appellanta huwa ġustifikat, u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**